# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

*(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)*

| |
|---|
| **Għażla tas-Suġġett**: Lingwi Barranin Moderni: Il-Franċiż, Il-Ġermaniż, It-Taljan u L-Ispanjol<br><br>*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*<br>**Applikata: ____**<br>**Akkademika**: x<br>**Vokazzjonali: _____** |
| **Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**<br><br>Il-programm jgħin lill-istudenti jiksbu għarfien tal-lingwa u l-kultura li huma essenzjali għall-iżvilupp tal-kompetenzi lingwistiċi u interkulturali. Il-Lingwi Barranin huma essenzjali għall-mobilità u l-impjegabbiltà fis-soċjetà multilingwistika tal-lum. It-tagħlim ta' lingwa barranija addizzjonali jtejjeb il-kompetenzi plurilingwi u l-opportunitajiet tal-istudenti fis-suq tax-xogħol. Il-programm ta' lingwa barranija jgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-kompetenzi lingwistiċi fl-erba' ħiliet (it-taħdit, il-kitba, il-qari, is-smigħ) f'livelli A1, A2 u B1 tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza. |
| **Lista ta' temi studjati:**<br><br>- Il-programm għal-Lingwi Barranin Moderni huwa bbażat fuq l-iżvilupp tal-profiċjenza fl-erba' ħiliet: il-qari, il-kitba, it-taħdit u s-smigħ.<br>- Jgħin lill-istudenti jaħdmu fuq id-deskritturi tal-livell f'livelli A1, A2 u B1 tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza (CEFR).<br>- Il-programm jgħin lill-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom kemm mal-lingwa kif ukoll mal-kultura biex jiżviluppaw ħiliet lingwistiċi u interkulturali. |
| **Attivitajiet involuti fil-klassi:**<br><br>L-attivitajiet huma mmirati biex jiżviluppaw kapaċitajiet kemm riċettivi kif ukoll produttivi fis-smigħ, il-qari, il-kitba u t-taħdit. L-attivitajiet jgħinu lill-istudenti biex jiżviluppaw il-profiċjenza fl-erba' ħiliet kollha. Aktar minn hekk iħeġġu wkoll l-iżvilupp tal-kompetenzi kulturali u interkulturali. Jintużaw materjali awdjoviżivi, interattivi u diġitali għal dawn l-attivitajiet. |
| **Xogħol assenjat għad-dar:**<br><br>L-istudenti huma mħeġġa jiksbu għarfien dwar il-lingwa u jużaw il-lingwa permezz ta' xogħol imwettaq waqt kompiti kemm fil-klassi kif ukoll barra minnha. Il-kompiti jindirizzaw il-ħiliet produttivi u riċettivi. Il-kompiti fil-qari u s-smigħ iservu ta' kontribut għal aktar tagħlim kif ukoll għall-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet speċifiċi. Kompiti oħra huma mmirati lejn l-iżvilupp ta' kompetenzi kulturali u interkulturali. Eżempji ta' kompiti jinkludu: xogħol ta' kitba, taħriġ fil-fehim tas-smigħ u l-qari u xogħol ta' proġett (eż. preżentazzjonijiet orali, ħidmiet kollaborattivi li jintegraw l-erba' ħiliet/li jindirizzaw ħiliet speċifiċi). |
| **Assessjar mogħti:**<br><br>Assessjar ugwali tal-erba' ħiliet (livell A1 sa B1) ibbażati fuq kompiti b'assessjar sommattiv u formattiv kontinwu.<br><br>- Il-kompiti jindirizzaw oqsma li l-istudenti jkunu qed jaħdmu fuqhom sabiex jilħqu l-livell (kompiti b'assessjar formattiv, kompiti b'assessjar awtoevalwattiv)<br>- Il-kompiti b'assessjar sommattiv jiddeterminaw il-livelli milħuqa (deskritturi tal-livell A1, A2, B1) |

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

*a. Ħiliet riċettivi u produttivi: qari, smigħ, taħdit u smigħ*
*b. Ħiliet kulturali u interkulturali*
*ċ. Ħiliet ta' tagħlim tul il-ħajja relatati mat-tagħlim tal-lingwi barranin biex jgħinu lill-istudenti jsiru studenti tal-lingwa indipendenti*
*d. Ħiliet lingwistiċi plurilingwi*
*e. Ħiliet relatati mal-użu tat-teknoloġija għat-tagħlim tal-ilsna*

**Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**

*Il-ħiliet lingwistiċi miksuba waqt it-tagħlim ta' lingwi oħra fl-iskola se jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa fl-erba' ħiliet lingwistiċi:*

*- ħiliet ta' qari u ta' smigħ biex jitgħallmu aktar dwar il-lingwa u jiksbu l-kontribut meħtieġ*
*- il-ħila li jużaw midja differenti, dizzjunarji eċċ. biex ikomplu jitgħallmu lil hinn mill-ħin tal-klassi*

**Isem tal-Uffiċjali tal-Edukazzjoni: Franċiż: Doreen Farrugia**
**Ġermaniż: Alice Micallef**
**Taljan: Christine Borg**

**Indirizzi elettroniċi:** doreen.farrugia@ilearn.edu.mt
alice.micallef@ilearn.edu.mt
christine.a.borg@ilearn.edu.mt